MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 619/2009

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Shirley Cutajar (ID 183572M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elf, hamsa u disghin ewro u tmienja u sittin ewro centezmu (€1095.68) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 781996 (AT3639/85-AC90004876) skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati ( Dok.A u B .)

Illi l-konvenuta dahlet ghal ftehim ghal hlasijiet rateali mas-socjeta' attrici, liema ftehim igib id-data tal-14 ta' Dicembru, 2006 akkont ta' liema ftehim il-konvenuta hallset biss l-ammont ta' hamsa u tletin lira Maltin (LM35) ekwivalenti ghal wiehed u tmenin ewro u tlieta u hamsin

centezmi (€81.53) mal-ftehim u naqset li tottempora ruhha mal-obbligu minnha assunt ghal hlas ta' pagamenti mensili.

Illi giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda l-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2009 mill-P.L. Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------